MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Numru 113/2006

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Allan Pace
Raissa Grixti

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati detenturi ta' karta ta' identita' numru 1020488M u 188691M rispettivament, akkuzati b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

F'xi zmien qabel it-8 ta' Marzu 2006, gewwa l-Belt Valletta, ikkommettew serq minn tlett vetturi ta' ghamla u numru tar-registrazzjoni mhux maghruf u li dan is-serq sar

ghad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta’ persuni mhux maghrufa.

Lil Alan Pace wahdu talli kiser ordni ta’ probation mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D.) datata 18.07.2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet iz-zewg imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqaw jinsistu anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati qeghdha ssibhom hatja tar-reati li bihom gew akkuzati.

Rat l-Artikoli 261(b) (c), 264, 267, 278, 279, 325, 37, 17 u 31 tal-Kap 9;

Tiddecidi kif ser jinghad:
1. Kontra l-imputata Raissa Grixti li tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

2. Kontra l-imputat Allan Pace billi tpoggih taht sorveljanza ta’ ufficjal tal-Probation bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum.

Fil-konfront ta’ dan l-imputat l-Qorti mhux qeghdha tiehu konjizzjoni tal-akkuza dwar il-ksur tal-probation f’dan l-istadju stante li s-sentenza mhux qeghdha fl-atti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------